

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 320

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

27 ta' Settembru 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 320/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8609 — Triton/Unihold/Unica Group) ⁽¹⁾	1
2017/C 320/02	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-awtorità awtorizzata li toħroġ iċ-ċertifikati ta' awtentiċità fil-kuntest tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012	2

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 320/03	Rata tal-kambju tal-euro	4
2017/C 320/04	Wiċċ nazzjonali għid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	5
2017/C 320/05	Wiċċ nazzjonali għid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	6

MT

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Il-Qorti tal-Awdituri

2017/C 320/06	Rapport Speċjali Nru 14/2017 — “Analiżi tal-prestazzjoni tal-ġestjoni ta’ kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea”	7
---------------	---	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2017/C 320/07	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità — Emendi fl-obbligi tas-servizz pubbliku marbutin mas-servizzi tal-ajru skedati ⁽¹⁾	8
2017/C 320/08	Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta’ servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku ⁽¹⁾	9

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2017/C 320/09	Notifika minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Il-Każ M.8607 — Warburg Pincus/Tata Motors/Tata Technologies) — Każ li jista’ jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	10
2017/C 320/10	Notifika minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Il-Każ M.8641 — Jacobs Engineering Group/CH2M HILL Companies) — Każ li jista’ jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	12

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.8609 — Triton/Unihold/Unica Group)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 320/01)

Fid-19 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kw-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fihi. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32017M8609. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**dwar l-awtorità awtorizzata li toħroġ iċ-ċertifikati ta' awtentiċità fil-kuntest tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012**

(2017/C 320/02)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jiftaħ kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja ⁽¹⁾ ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 464/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 ⁽²⁾.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 620/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni għaċ-ċanga ta' kwalità għolja ⁽³⁾ ġie revokat u sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jistipula regoli għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja għal ċanga ta' kwalità għolja ⁽⁴⁾.

L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 jistipula li r-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-prodotti importati, bil-kwota tariffarja bin-numru tas-serje 09.2202, li ġie sostitwit bil-kwota tariffarja bin-numru tas-serje 09.4449 kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 620/2009, huwa soġġett għat-tressiq ta' ċertifikat ta' awtentiċità.

L-awtoritajiet emittenti li ġejjin huma awtorizzati li joħorġu iċ-ċertifikati ta' awtentiċità skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012.

Department of Agriculture, Fisheries and Forestry (DAFF) of the Australian Government
18 Marcus Clarke Street
Canberra City ACT 2601
AUSTRALIA

Kuntatt: Biosecurity Service Group
Mr Greg READ, Executive Manager

Tel. +61 262723594
Email: pr@aqis.gov.au

Food Safety and Inspection Service (FSIS) of the United States Department of Agriculture (USDA)
Washington D.C. 20250
UNITED STATES OF AMERICA
Internet: <http://www.fsis.usda.gov>

Canadian Food Inspection Agency (CFIA)
1400 Merivale Road
Ottawa, Ontario
K1A 0Y9
CANADA

Email: bertrand.st-arnaud@inspection.gc.ca
Internet: <http://www.inspection.gc.ca>

Ministry of Agriculture and Forestry
Pastoral House
25 The Terrace
PO Box 2526
Wellington 6140
NEW ZEALAND

Tel. +64 48940100
Fax +64 48940720
Email: nzfsa.info@maf.govt.nz
Internet: <http://www.maf.govt.nz>

⁽¹⁾ ĠUL 182, 15.7.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 149, 8.6.2012, p. 1.

⁽³⁾ ĠUL 182, 15.7.2009, p. 25.

⁽⁴⁾ ĠUL 148, 8.6.2012, p. 9.

Dirección General de Servicios Ganaderos
División Industria Animal
Constituyente 1476, Piso 2
Montevideo
URUGUAY

Tel. +598 24126369

Fax +598 24126304

Email: digesega@mgap.gub.uy

Internet: <http://www.mgap.gub.uy/DGSG>

Ministerio de Agroindustria
Av. Paseo Colón n° 982
Buenos Aires
ARGENTINA

Tel. +54 1143492000

Email: secmercados@magyp.gob.ar/certificadoscarnes@magyp.gob.ar

Internet: www.agroindustria.gob.ar

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾**Is-26 ta' Settembru 2017**

(2017/C 320/03)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1787	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4605
JPY	Yen Ġappuniż	131,99	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,2083
DKK	Krona Daniża	7,4404	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6369
GBP	Lira Sterlina	0,87775	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5968
SEK	Krona Żvediża	9,5473	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 341,55
CHF	Frank Żvizzeru	1,1452	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,7329
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8189
NOK	Krona Norveġiża	9,2843	HRK	Kuna Kroata	7,4930
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 785,15
CZK	Krona Ċeka	26,056	MYR	Ringgit Malażjan	4,9662
HUF	Forint Ungeriż	310,77	PHP	Peso Filippin	60,018
PLN	Zloty Pollakk	4,2824	RUB	Rouble Russu	67,9870
RON	Leu Rumun	4,6013	THB	Baht Tajlandiż	39,139
TRY	Lira Turka	4,1739	BRL	Real Brażiljan	3,7299
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4944	MXN	Peso Messikan	21,1825
			INR	Rupi Indjan	77,1935

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2017/C 320/04)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Lussemburgu

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinj commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Lussemburgu

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-200 anniversarju tal-Gran Duka Guillaume III

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri, fuq in-naħa tax-xellug, ix-xbiha tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Henri, iħares lejn ix-xellug, u fuq in-naħa tal-lemin, ix-xbiha tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Guillaume III. Fin-naħa ta' fuq tad-disinn hemm is-sena "2017". Fil-parti ta' isfel hemm il-kliem "GRANDS-DUCS DE LUXEMBOURG". L-isem "GUILLAUME III" segwit bl-indikazzjoni tas-sena tat-twelid "*1817" jidher fuq ix-xbieha rispettiva.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-ġhadd ta' muniti li se jinħarġu: 500 000

Data tal-ħruġ: Ottubru/Novembru 2017

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2017/C 320/05)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-2 euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Prinċipat ta' Andorra

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinnj tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-2 euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun simboliku ferm f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Prinċipat ta' Andorra

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-100 anniversarju tal-innu tal-Andorra

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri riproduzzjoni parzjali tal-innu ta' Andorra, ppubblikat fl-1914. Il-parti ċentrali tad-disinn tirriproduċi l-ewwel noti tal-innu u biswithom tiżjin bi stil jixbah lill-fjuri u l-iskrizzjoni "Himne Andorrà" (l-innu ta' Andorra).

Il-parti ta' fuq tad-disinn turi s-sena tal-ħruġ "2017" u l-iskrizzjoni "100 anys de l'himne d'Andorra" (il-100 anniversarju tal-innu tal-Andorra).

Din il-munita tikkommemora l-100 anniversarju tad-dikjarazzjoni tiegħu bħala innu nazzjonali ta' Andorra, bi ftehim mal-Consell General (il-Parlament ta' Andorra) tat-2 ta' April 1917.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li se jinħarġu: 85 000

Data tal-ħruġ: Diċembru 2017

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 14/2017

“Analiżi tal-prestazzjoni tal-ġestjoni ta’ kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea”

(2017/C 320/06)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfirmak li r-Rapport Speċjali Nru 14/2017 “Analiżi tal-prestazzjoni tal-ġestjoni ta’ kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista’ jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Emendi fl-obbligi tas-servizz pubbliku marbutin mas-servizzi tal-ajru skedati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 320/07)

Stat Membru	Franza
Rotta kkonċernata	Lannion (Côte-de-Granit Rose) - Pariġi (Orly)
Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku	Is-27 ta' Ottubru 2003
Data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi	It-23 ta' Marzu 2018
Indirizz mnejn jistgħu jinkisbu t-test u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Digriet tat-18 ta' Settembru 2017 li jemenda l-obbligi tas-servizz pubbliku imposti fuq is-servizzi tal-ajru bi skeda bejn Lannion u Pariġi (Orly) NOR: TRAA1725604 A http://www.legifrance.gouv.fr/initRechTexte.do għal aktar tagħrif: Id-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili DTA/SDT/T2 50 rue Henry Farman 75 720 Paris cedex 15 FRANZA Tel.: +33 158094321 Email: osp-compagnies.dta@aviation-civile.gouv.fr

Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 320/08)

Stat Membru	Franza
Rotta kkonċernata	Lannion – Pariġi (Orly)
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	Mis-27 ta' Marzu 2018 sas-26 ta' Marzu 2022
Skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u tal-offerti	Id-9 ta' Diċembru 2017 (12:00, ħin lokali)
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tas-sejħa għall-offerti u kull tagħrif u/jew dokumenti rilevanti marbutin mas-sejħa għall-offerti u mal-obbligu tas-servizz pubbliku	L-ajruport ta' Lannion — Côte de Granit Rose Syndicat Mixte de l'Aéroport — EPIC Avenue Pierre Marzin 22300 Lannion FRANZA Tel. +33 296058234 Faks: +33 296058299 Email: akguegan.aeroportlannion@orange.fr

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8607 — Warburg Pincus/Tata Motors/Tata Technologies)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 320/09)

1. Fl-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Warburg Pincus LLC (l-Istati Uniti),
- Tata Motors Limited (l-Indja),
- Tata Technologies Limited (l-Indja), ikkontrollata minn Tata Motors Limited.

Warburg Pincus u Tata Motors Limited, jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Tata Technologies Ltd.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Warburg Pincus LLC: ditta globali ta' ekwità privata (permezz tal-kumpaniji fil-portafoll tagħha) hija attiva f'varjetà ta' setturi, fosthom l-enerġija, is-servizzi finanzjarji, is-saħħa u l-konsumatur, is-servizzi industrijali u kummerċjali, u t-teknoloġija, il-midja u t-telekomunikazzjoni;
- Għal Tata Motors Limited: kumpanija tal-karozzi b'operazzjonijiet mad-dinja kollha;
- għal Tata Technologies Limited: il-forniment tas-servizzi esternalizzati tal-inġinerija u tal-iżvilupp tal-prodott, u tal-IT għall-industrija tal-manifattura globali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja dejjem għandha tiġi speċifikata:

M.8607 — Warburg Pincus/Tata Motors/Tata Technologies

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8641 — Jacobs Engineering Group/CH2M HILL Companies)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2017/C 320/10)

1. Fl-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Jacobs Engineering Group Inc. ("Jacobs", l-Istati Uniti),
- CH2M HILL Companies Ltd. ("CH2M", l-Istati Uniti).

Jacobs tikseb, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll sħiħ fuq CH2M.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Jacobs: il-provvista ta' servizzi tekniċi, professjonali u ta' kostruzzjoni għal għadd kbir ta' klijenti industrijali, kummerċjali u governattivi;
- għal CH2M: il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza professjonali fi spettru sħiħ ta' proġetti ta' konsulenza teknika, inġinerija, ġestjoni u operazzjonijiet ta' kostruzzjoni u ta' manutenzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja dejjem għandha tiġi speċifikata:

M.8641 — Jacobs Engineering Group/CH2M HILL Companies

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

